# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta’ Marzu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**vs**
**Meriam Abdussalam Mouaddea**

**Kumpilazzjoni Numru: 617/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Meriam Abdussalam Mouaddea, ta’ 46 sena, imwielda l-Marokk nhar il-11 ta’ Novembru 1974, bint Abdussalam u Fatima, residenti fil-fond bin-numru 53, Matthias, Flat 4, Triq Patri Guzeppi Calleja, San Pawl il-Bahar u detentrici ta` karta tal-Identita’ Maltija bin-numru 9000606A.

Akkuzata talli nhar it-09 ta’ Gunju 2020, bejn it-8 ta’ filghodu u t-8 ta’ filghaxija u/jew f’hinijiet ohra, qabel jew wara, minn fond ’The Corner’, appartament numru 3, Triq l-Esperanto, l-Imsida u/jew f’dawn il-gzejjer:-

1. Ikkommettiet serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-dannu ta’ Buruk Zewde Haile, Medhanie Habteichael Kahsay u/jew ta’ xi persuna/i ohra ;

2. Ukoll talli b’hekk, irrendiet ruhha recidiva ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront taghha mill-Qrati ta’ Malta.

Rat li nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema, ai termini ta'l-artikolu 370(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- 261(b)(c)(e), 263(a), 264, 267, 269(g), 278(3). 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 7, 23, 23C, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma f'l-10 ta' Jannar 2022 meta l-imputata iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw allegazzjoni ta' serq perpetrat fit-8 ta' Gunju 2020 a dannu ta' Buruk Zewde Haile u Medhanie Habteichael Kahsay.

Illi l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Shawn Pawney[1] spjega li fit-8 ta' Gubju 2020 il-pulizija irceviet rapport li sehhet serqa gewwa appartament numru 8, The Corner, Triq Esperanto Msida. Skond ir-rapport kienu insterqu flus (cirka €4,600) u xi oggetti ohra a dannu ta' certu Medhanie Habteichael Kahsay u Buruk Zewde Haile li kienu jghixun f'dan l-appartament. L-Ipsettur Pawney kjarifika li huwa gie involut f'dan il-kaz xi xahrejn wara meta kien hemm zvolta fis-sens li gie konfermat li impronta li instabet fuq il-post kienet ta'l-imputata. L-Ispettur Pawney kompla jispjega li Buruk Zewde Haile kien allega li fil-gurnata in ezami meta kien hiereg ghax-xoghol ra mara gewwa l-appartamenti u talbitu taxxa ilma; hu kellu l-impressjoni li lil din mara kien ra hemm xi xhur qabel. Huwa taha taxxa ilma u l-impronta instabet fuq din it-taxxa. L-Ispettur spjega li verifiki mal-filmati ta' CCTV juru lil din l-mara li semma Buruk, li tixbah lill-imputata, diehla u hierga f'l-appartamenti nhar it-8 ta' Gunju 2020. L-ispettur spjega kif mbaghad inhareg mandat ta' arrest fil-konfront ta'l-imputata u ma' l-eskuzzjoni tieghu gie elevat mobile phone ta' tip Samsung; spjega ukoll li saru verifiki dwar localisation ta' dan il-mobile phone ta'l-imputata u gie stabbililt li fil-hin li kienet tidher dik il-mara fil-filmat tac-CCTV l-imputata kienet l-Msida u anke ghalet call lil certu Joseph Portelli li hija kienet tuza s-servizzi tieghu ta' taxi. Dan Portelli gie mitkellem mill-pulizija u kkonferma li huwa kien wassal lill-imputata

[1] Depozizzjoni a fol 30.

hdejn l-Univerista[2] hdejn bus stop li huwa ftit metri ‘l boghod minn fejn sehhet is-serqa. L-ispettur esebixxa:

- Il-Current Incident Report dwar dan il-kaz[3];
- Rendikont fil-qosor tal-localisations tal-mobile[4];
- Lista ta’ telefonati[5];
- Mappa li turi l-post fejn sehhet is-serqa u l-post fejn hemm l-antenna tas-service provider li qabdet it-telefonati;
- Zewg starrijijet rilaxxjati mill-imputata flimkien ma xi ritratti murija lill-imputat fil-kors ta’ stqarrija minhom[6]

Illi f’depozizzjoni sussegwenti[7] **l-Ispettur Pawney i**nforma lill-Qorti li meta l-imputat kienet qed tigi investigata in konnessjoni ma kaz iehor hija tat informazzjoni dwar il-kaz in ezami. L-istqarrija rilaxxjata f’din l-okkazzjoni gier esebita[8].

Illi **PS1227 Malcolm Pace[9]** kien l-ufficjal li esegwixxa l-mandat ta’ arrest fil-konfront ta’l-imputata. Huwa ikkonferma li meta gie esegwiet il-mandat fir-residenza ta’l-imputata hija kienet liebsa l-istess scarf li kienet tidher liebsa fil-filmat mehud mic-CCTV; ix-xhud fil-fatt esebixxa dan l-iscarf[10] kif ukoll mobile phone ta’l-ghamla Samsung[11] elevat waqt tfixxija li saret fil-mument ta’l-arrest.

Illi **PS1390 Antoine Muscat[12]** kien wiehed mill-ufficjali tal-pulizija li wasal fuq il-post wara li sar ir-rapport dwar is-serqa. Huwa qal li meta wasal fuq il-post kellem lil Buruk Zewde Haile u lil Medhanie Habteichael Kahsay li allegaw li meta kienu reqdin dahal xi hadd u hadilhom flus u xi arloggi. Huma infurmaw lis-surgent li dak in-nhar fil-ghodu kienet mara thabbat mar-residenza taghhom issaqsi ghal xi hadd Ahmed, pero ma kien hemm hadd jismu Ahmed joqghod hemm. Aktar tard dak in-nhar, fil-ghaxija meta kienu reqdin wiehed minnhom qam ghax sema xi hsejjes u ra mara; huma harguha ‘l barra.[13]

Illi **l-Ispettur Lydon Zammit[14]** esebixxa tlett sentenzi mghotija fil-konfront ta’l-imputata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta): u cioe sentenzi datati 13 ta’ Lulju

[2] Triq l-Esperanto taghti ghall-Universita.
[3] Dok SP3 a fol 40.
[4] Dok SP4 a fol 46.
[5] Dok SP5 a fol 47.
[6] Dok SP7 a fol 53/54.
[7] A fol 355.
[8] Dok SP9 a fol 358.
[9] Depozizzjoni a fol 24.
[10] Dok MP2.
[11] Dok MP1.
[12] Depozizzjoni a fol 76.
[13] PS1390 ukoll prezenta il-Current Incident Report dwar dan il-kaz: Dok AM1 a fol 79.
[14] Depozizzjoni a fol 305.

2010[15], 5 ta' Dicembru 2014[16], u 17 ta' Jannar 2017[17] rispettivament. Esebixxa ukoll sentenza mghotija mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2017[18].

Illi xehedt ukoll **Marisa Gauci in rapprezentanza tas-socjeta Epic[19]** li prezentata call profile tan-numru 99363743, il-coverage maps ta'l-antenna ta'l-Universita u ta' Msida Circus[20].

Illi **Medhanie Habteichael Kahsay** xehed quddiem din il-Qorti[21]. Huwa spjega li hu u Buruk jghixu f'l-appartament 3, The Corner Triq l-Esperanto Msida. Fil-gurnata in ezami, li kienet it-Tnejn, meta hu u Buruk irritornaw lura mix-xoghol il-bieb kien sgassat u kienu ittiehdulhom flus (€3,000 tieghu u €1,600 ta' Buruk) u zewg arloggi. Huwa qal li l-flus tieghu kienu qeghdin go bagoll fuq l-armadju; huwa sab il-bagoll fuq is-sodda.

Illi **Buruk Zewde Haile** ukoll xehed quddiem din il-Qorti[22]. Huwa spjega li fil-gurnata in ezami, ghall-habta tat-8.00am qam mis-sodda u sema xi hadd ihabbat fuq il-bieb. Mar jiftah u kien hemm mara tistaqsi ghal xi hadd Ahmed; hu qallha li ma kien hemm hadd Ahmed jghix hemm. Qabel ma telqet din il-mara saqsitu ghal flixkun ilma; hu ta l-ilma u qallha biex titlaq mill-appartament; hija harget, Ix-xhud spjega li hu rega mar fil-kamra tieghu pero wara ftit dik l-istess mara regghet dahlet f'l-appartament; hu kecciha 'l barra. Ix-xud mbaghad mar ix-xoghol u meta mar lura d-dar sab il-bieb imkisser; dahal gewa u sab hafna taqlib u rrealizza li insterqu €3000 tal-habib tieghu u €1500 tieghu kif ukoll mobile phone tal-marka HTC. F'l-awla huwa gharaf lill-imputata bhala dik il-mara li habbtet u dahlet f'l-appartament tieghu; qal li hu ma kienx jafha qabel. Ix-xhud spjega li hu kien ilu ftit xhur jghix f'dak l-appartament pero l-habib tieghu li kien ilu aktar jghix hemm u qallu li xi sena qabel kienet marret mara thabbat u saqsiet ghal Ahmed u kellhom ikeccuha mill-flat.

Illi **Joseph Portelli[23]**, ix-xufier tat-taxi ikkonferma li huwa jaf lill-imputata peress li hija ta' spiss kienet tmur taqbda taxi mill-pjazza ta' Bugibba fejn kien jarma hu; qal li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn riekbet mieghu. Spjega li hi kienet tqabbdu jwasslha u fejn imorru tghidlu biex jistenniha u jerga jwassalha lura, gieli jwassalha u wara icempillu biex imur ghaliha u jwassalha x'imkien iehor. Ix-xhud ftakar li kien hemm darba meta wassalha hdejn ir-roundabout ta' l-Universita,

---

[15] Dok LZ1 a fol 308.
[16] Dok LZ2 a fol 311.
[17] Dok LZ3 a fol 314.
[18] Dok LZ4 a fol 325.
[19] Depozizzjonzi a fol 84.
[20] L-informazzjoni giet prezentata f'forma digitali, ref Dok MG1 a fol 86.
[21] Depozizzjoni a fol 87.
[22] Depozizzjoni a fol 416.
[23] Depozizzjoni a fol 274.

hdejn l-iskate park pero ma setghax jiftakar id-data. F'depozizzjoni sussegwenti[24] huwa kkonferma li l-mobile phone tieghu ghandu numru 99890206.

Illi dwar dan il-kaz kienet inzammet inkjesta[25] fil-kors ta' liema gew nominati diversi espert:

- **PS826 Matthew Parnis u PS122 Arthur Borg,** li gew nominati bhala *scene of crime officers*. Huma hadu r-ritratti tal-post u elevaw l-impronti li sabu ; dan kollu huwa dokumentat fir-rapport imhejji minnhom[26]. F'dawn ir-ritratti. Fost affarijiet ohra jidhru il-bagoll imsemmi minn Medhanie Habteichael Kahsay, it-tazza li fuqha instabu l-impronti, u l-isgass mal-bieb.

- **Vincent Ciliberti** gie nominat biex jaghmel stima tal-hsarat ikkawzata u jaghmel l-indagini kollha necessarja dwar il-kaz ; huwa rrediga rapport relattiv u esebit f'l-atti ta'l-inkjesta[27]. Fl-ezoneru ta'l-inkarigu lilu mghoti l-imsemmi espert ha d-depozizzjoni ta' Buruk Zewde Haile[28]. Ghalkemm fir-rapport tieghu l-espert jiddeskrivi l-hsara ikkawzata fil-bieb ta' barra ta'l-appartament ma tax stima tal-hsara.

- **Keith Cutajar** gie nominat biex jigbor filmati ta' CCTV i johrog dawk l-istills li jistghu ikunu relevanti; huwa iddokumenta x-xoghol relata fir-rapport minn esebit[29]. Minn dan ir-rapport jirrizulta li f'l-appartmenti minn fejn sehhet is-serqa kien hemm zewg cameras. Fit-08.21hrs[30] tidher mara liebsa scarf diehla f'l-appartamenti u l-istess mara tidher hierga fid-09.16hrs[31]. L-istess mara tidher f'kurudur f'l-appartamenti aktar mill-vicin[32] u huwa car li hija l-imputata.[33]

Illi fil-kors tal-proceduri odjerni gew nominati xi esperti ohra:

- **Dr Marisa Mifsud** li ghamlet traskrizzjoni ta'l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata.[34]

---

[24] A fol 340.
[25] Il-proces verbal huwa esebiet a fol 96.
[26] Esebit bala parti mill-atti ta'l-inkjesta a fol 111.
[27] A fol 216.
[28] F'din id-depozizzjoni Buruk jaghti bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni li ta meta xehed quddiem din il-Qorti.
[29] A fol 130.
[30] A fol 136.
[31] A fol 142.
[32] Afol 184.
[33] Jigi rilevat li kien hemm siegha differenza bejn il-hin tal-filmati u 'l hekk imsejjah "real time".
[34] Ref depozizzjoni a fol 248 u traskrizzjoni a fol 250 u depozizzjoni a fol 361 u traskrizzjoni a fol 363.

- **Joseph Mallia** bhala espert ta' l-impronti ; mid-depozizzjoni[35] u rapport minnu redatt[36] irrizulta li l-impronti li ittiehdu minn tazza mill-appartament fejn sehhet is-serqa ma kienux jaqblu ma dawk ta'l-imputata.

Illi kif intqal **l-imputata** irrilaxxjat tlett stqarrijiet. L-ewwel wahda kienet rilaxxjata fit-8 ta' Novembru 2020. F'l-ewwel parti ta' din l-istqarrija l-imputata giet mistoqsija affarijiet relatati ma' episodju iehor li m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-kaz in ezami. Meta giet mistoqsija affarijiet dwar il-kaz in ezami innegat kwalunkwe involviment u qalet li ma tafx xejn u ghazlet li ma tirrispondiex il-bicca l-kbira tal-mistoqsijijet li sarulha. Fit-tieni stqarrija rilaxxjata nhar l-14 ta' Novembru 2020 ikkonfermat li l-mobile taghha kien dak bin-numru 99363743 pero ma tat l-ebda informazzjoni ohra. Illi fit-tielet stqarrija rilaxxjata fit-3 ta' Gunju 2021 l-imputata tkellmet fuq diversi serqiet li kienu ghadhom qed jigu investigati mill-pulizija. Fil-kors ta' din l-istqarrija pero l-imputata tghid li tat-taxi kien komplici maghha u kien iwassalha fil-postijiet minn fejn kienet tisraq inkluz dak ta'l-Msida.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputata qed tigi mixlija li kkommettiet serq aggravat bil-mezz, valur u lok.

Illi mill-atti processwali jirrizulat li fit-8 ta'Gunju 2020 xi hadd dahal f'l-appartament fejn kienu jghixu Buruk Zewde Haile u Medhanie Habteichael Kahsay u minn hemm insterqu xi affarijiet. Fir-rigward tal-flus propjeta ta' Medhanie Habteichael Kahsay kull verzjoni mghotija hija konsistenti in kwantu tirreferi ghas-somma ta' tlett elef Euro. Fir-rigward ta' dak li nsteraq lil Buruk Zewde Haile hemm xi disprepanzi. Meta ghamel ir-rapport u meta kien qed jiddeponi quddiem l-espert nominat f'l-atti ta' l-inkjesta huwa semma s-somma ta' elf u sitt mitt Euro, mobile phone u tlett arloggi. Meta kien qed jddeponi quddiem din il-Qorti huwa semma s-somma ta' elf u hames mitt Euro u mobile phone. Minkejja din id-disprepanza l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwar il-kredibilita ta'l-imsemmi Buruk li kien konsistenti f'kull aspett iehor tal-verzjoni tieghu. Il-Qorti hija konsapevoli li kien hemm diffikolta fit-traduzzjoni meta Buruk kien qed jixhed quddiemha u dawn id-diffikoltajiet setaw ikkontribwew ghal dik id-diskrepanza.

Illi dwar l-involviment ta' l-imputat f'l-akkadut il-Qorti ukoll m'ghandhiex dubbju. L-imputata mhux biss tidher fil-filmat mehud mic-CCTV, imma minn telefonati li gew skambjati bejnha u Joseph Portelli u mill-localisation data gie pruvat li hija kienet l-Msida u fil-vicinanzi ta'l-iskate park. Aktar minn hekk meta

[35] A fol 345.
[36] Dok JM1 a fol 347.

kien qed jixhed Buruk Zewde Haile gharaf lill-imputata bhala l-persuna li marret f'l-appartament taghhom. Ghandha ssir referenza ukoll ghat-tielet stqarrija ta'l-imputata fil-kors ta' liema, ghalkemm mhux b'mod dirett tirreferi ghall-involviment taghha (flimkien ma' Joseph Portelli) ghal serqa mill-Msida u li kienet suggetta ghall-proceduri penali li kienu ghadhom pendenti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li kienet l-imputata li nhar it-8 ta' Gunju 2020 dahlet f'l-appartament ta' Buruk Zewde Haile u Medhanie Habteichael u serqet almeu erbat elef u hames mitt Euro u mobile phone.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-riecidiva ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in sostenn ta' dan l-addebietu gew prezentati erbgha sentenzi: tlieta mil-Qorti tal-Magistrati u wahda mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali. Permezz tas-sentenza mghotija fit-13 ta' Lulju 2010[37] l-imputata giet ikkundannata sitt xhur prigunerija ; permezz tas-sentenza mghotija fil-5 ta' Dicembru 2014[38] giet ikkundannata gimgha prigunerija ghal reat u tpoggiet taht ordni ta' probation ghal reati ohrajn; permezz tas-sentenza mghotija fis-17 ta' Jannar 2017[39] hija giet ikkundannata tlettin xahar prigunerija. Permezz tas-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2017[40] giet ikkundannata tlettax il-xahar u hamest ijiem prigunerija.

Illi ai termini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

Illi mbaghad ai termini ta'l-artikolu 50 ta'l-istess Kapitolu 9 *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex persuna tigi trattata bhala recidiva l-prosekuzzjoni trid l-ewwel iggib prova ta' xi kundanna precedenti fil-konfront ta' dik il-persuna u li s-

[37] Dok LZ1 a fol 308.
[38] Dok LZ2 a fol 311.
[39] Dok LZ3 a fol 314.
[40] Dok LZ4 a fol 325.

sentenza minn liema tirrizulta dik il-kundanna ghaddiet in gudikat. Biex ikun applikabbli l-artikolu 50 irid jigi pruvat ukoll li r-reat il-gdid gie kommess fi zmien ghaxar snin jew hames snin (skond jekk il-piena ta' prigunerija tkunx teccedi hames snin) minn meta giet skontata l-piena precedenti.

Illi fil-kaz in ezami hemm prova ta' erbgha sentenzi mghotija fil-konfront ta'l-imputat odjern, u hemm prova li permezz ta' dawn is-sentenzi l-imputata giet ikkundannata erbgha perjodi ta' prigunerija ta' anqas minn hames snin kull wiehed. Fir-rigward tas-sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ma ngiebitx prova dwar jekk dawk is-sentenzi ghaddewx in gudikat. U fir-rigward tas-sentenzi kollha esebita ma ngiebitx prova dwar jekk u meta giet skontata il-piena karcerarja hemm imposta. Fin-nuqqas ta' din il-prova t-tlett sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni bhala prova fil-grad rikjest mill-Ligi ta' kundanna kif jirrikjedu l-artikoli 49 u 50 fuq citati stante li ma ngiebitx prova jekk dawn is-sentenzi mhumiex ezekuttivi. Is-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali hija biss prova ta' recidivia fit-termini tal-artikolu 49 stante li ma ngibitx provi meta giet skontata l-piena hemm imposta[41] u ma tistax titqies bhala prova sufficjenti ai fini ta'l-artikolu 50.

Illi l-imputata giet addebietata ukoll bir-recidiva fit-termini ta' l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; skond dan l-artikoli *fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi*. Din id-dispozizzjoni a differenza ta'l-artikolu 50 ma' tirrikjediex elementi ohra hlif kundanna precedenti.

Illi fil-proceduri odjerni l-imputata qed tinsab hatja ta' serq. Permezz ta'l-unika sentenza li tista' tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-imputazzjoni issa in ezami, is-sentenza mghotija mill-Qorti ta'l-Appell, l-imputata instabet hatja ta' serq. Konsegwentment tirrizulta ukoll r-recidivi fit-termini ta'l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Illi bla dubbju r-reati li taghhom qed tistab hatja l-imputata huma ta' certu gravita; aktar minn hekk il-fedina penali taghha hija wahda refrettarja. Jidher pero li ricentement l-imputata gharfet li hija kienet qed tizbalja u li issa hija lesta tassumi r-responsabbilta ta'l-eghmil taghha. Dan wassal lill-abbli difensur taghha biex jissottometti li dan il-bdil f'l-attitudni ta'l-imputata jimmerita l-applikazzjoni ta'l-

[41] Ghal kull bon fini jigi rilevat li d-difiza eznatat lill-proseluzzjoni biss mill-provi ta;l-identita fir-rigward tas-sentenzi esebiti u mhux ta' xi prova ohra rikjesta ai fini ta'l-addebietu tar-recidiva (ref verbal ta'l-udjenza tad-19 ta' April 2021 a fol 303).

artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti pero ma tikkondividiex din it-tezi.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li biex jkun applikabbli l-artikolu 21 iridu jissussistu ragunijiet (ghalhekk aktar min raguni wahda) u dawn ir-ragunijiet iridu jkunu specjali u straordinarji biex l-Qorti tkun tista' tapplika piena anqas mill-minimu stabbilit mill-Ligi. Il-fatt li llum l-imputata qed jiddispjaciha ta'l-eghmil taghha u hija lesta tassumi r-respopnsabbilta ghal dak li ghamlet mhiex raguni specjali u straordinarja kif rikjest mill-Ligi u ghalhekk m'ghandux jigi applikat l-artikolu 21. Pero u ghalkemm l-imputata qed tinstab hatja ta' recidiva fit-termini ta'l-artikoli 49 u 289 il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex izied il-piena u ghandha timponi piena li hija aktar vicin il-minimu milli l-massimu.

Illi la darba l-imputat qed tinstab hatja ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-lok, il-piena ghandha tkun dik stabbilita f'l-artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 280(2) ghandha tizdied bi grad u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 280(1) ma  tistax tinghata fil-minimu taghha[42].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 261(b)(c)(e), 263(a), 264, 267, 269(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha b'dan li ai fini ta'l-imputazzjoni dwar recidivi qed tintab hatja biss fit-terminmi ta'l-artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu  u mhux ta' l-artikolu 50, u tikkundannaha erbgha u erbghin (44) xahar prigunerija. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikundannaha ukoll biex thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' elf sebgha mija tmienja u ghoxrin Euro u erbgha u erbghin centexmu (€1728.44) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti[43].

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[42] Ref Il-Pulizija vs Stephen Borg et deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021.
[43] Hija qed tigi ikkundannata thalla biss l-ispejjez relatati mar-rapporti ta' Keith Cutajar, Vincent Ciliberti u s-scene of crime officers.